KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa (7)***

***L-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 7 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija (6:00pm) wara qbil mill-Kunsilliera kollha li l-ħin jiġi pospost.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU KARL BOXALL
IL-KUNSILLIER STEPHEN ATTARD
Il-KUNSILLIERA CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA NAOMI MIZZI

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-VICI SINDKU BRIAN XUEREB
IL-KUNSILLIER STEVEN AXISA
IL-KUNSILLIER JESMOND MANICOLO

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**7.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Tressqu tlett ittri ta' apoloġi mingħand il-Vici Sindku Brian Xuereb, il-Kunsillier Steven Axisa, u l-Kunsillier Jesmond Manicolo.

**7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

7.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 6 li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru 2024.

7.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 6 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

7.2.3 **Mozzjoni Numru 7-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 6

Proponent: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Il-Minuti Numru 6 ġew approvati unanimament.

7.2.4 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru 2024.

7.2.5 Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

7.2.6 Il-Kunsillier Stephen Attard tkellem dwar il-fondi tat-Turretta li ssemmew waqt il-Laqgħa Pubblika fejn huwa qal li tkellem mal-ex-Kunsilliera Rose Agius fejn ikkonfermat li l-Kunsill qatt ma kellu dawn il-fondi.

7.2.7 **Mozzjoni Numru 7-02** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika

Proponent: Il-Kunsilliera Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika ġew approvati unanimament.

## 7.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 07(09) – Diċembru 2024*

7.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 07(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11602 sa 11660 kif ukoll cheque bin-numri 7254 li jammontaw €85,745.57

7.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

7.3.3 Is-Sergretarju Eżekuttiv ressqet ukoll li ħlasijiet urġenti li ġew riċevuti wara li tqassmet l-iSkeda tal-pagamenti. Tressqet invoice tat-tiżjin tal-Milied il-ġdid li sar fi Triq Santa Marija li jammonta għal Eur5664. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li Eur2000 se jkunu koperti minn fondi mgħotija mir-Reġjun għat-tiżjin tal-Milied. Magħha tressaq ukoll pagament għal xogħlijiet tal-aluminium li saru fl-uffiċini tas-sular t'isfel li jammontaw għal €2360 kif ukoll installazzjoni ta' cameras fil-bandli ta' quddiem l-iskola li tammonta għal €1350.

7.3.4 **Mozzjoni 07-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 07(09)

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iskeda ta' pagamenti numru 07(09) ġiet approvata mill-membri preżenti.

## 7.4 *Komunikazzjonijiet mis-Sindku*

7.4.1 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li irċevejna kawża legali dwar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru minn Infrastructure Malta fi Triq Gio Marija Farrugia. Kif jidher fl-ittra legali, il-Kunsill huwa parti mill-kawża pero x-xogħlijiet huma ta' Infrastructure Malta. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-Vici Sindku Brian Xuereb kien qed jiddiskuti direttament ma min bagħat l-ittra legali u għaldaqstant jekk ikun hemm xi żviluppi oħra se jkun qed jinforma lill-Kunsill.

7.4.2 Il-Kunsillier Stephen Attard xtaq jagħmel premura dwar sitwazzjoni li kellu fejn ġie inkarigat biex imur jiċċekja xi ħaġa mill-Kunsill stess u kkonferma, u għaldaqstant esiġa li ħadd mill-membri tal-Kunsill m'għandu għalfejn jmur kontra dak li jikkonferma Kunsillier.

7.4.3 Is-Sindku Karl Boxall qal li mis-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jalloka bilanċ ta' fondi li jistgħu jinħarġu bħala għajnuna f'kollaborazzjonijiet lill-għaqdiet lokali matul is-sena kollha. Din tista' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Dwar dan il-Kunsill qabel.

7.4.4 Is-Sindku Karl Boxall ressaq proposta sabiex il-Klabb tal-Boċċi jingħata sett boċċi bħala rikonoxximent tar-rebħ tal-kampjonat kif ukoll trophy. Dwar dan il-Kunsill qabel.

7.4.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-Garage tal-Bypass se jingħalaqlu iż-żmien tal-kirja u għaldaqstant irridu niddeċiedu jekk hux se jinżamm. Is-Sindku Karl Boxall qal li l-garage huwa bżonnjuż anki jekk il-quddiem ikollna vettura tal-Kunsill. Għaldaqstant f'dan l-istadju il-Kunsill approva li jerġa jikri l-garage għal prezz ta' €1200.

7.4.6 Is-Sindku Karl Boxall qal li kellu diskussjonijiet dwar il-Fondi tal-LESA li ma kienux ġew utilizzati fil-leġislatura preċedenti. Dawn il-fondi li jammontaw għal €57,070 kienu ġew allokati sabiex isiru xi sqaqien bil-pavimentar. Il-Kunsill qabel li jressaq talba sabiex dawn il-fondi jiġu allokati għal xiri ta' vann elettriku ġdid.

7.4.7 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar l-Appell tal-kamra tan-Nar fejn qal li bħala rappreżentanti se jkunu qed jitniżżlu hu bħala Sindku kif ukoll il-Vici Sindku Brian Xuereb filwaqt li jitneħħew ir-rappreżentanti mill-Kunsill preċedenti. Dwar dan il-Kunsill qabel.

7.4.8 Is-Sindku Karl Boxall qal li mill-ħarġa ta' Għawdex fadal €200 li se jkunu qed jintużaw sabiex jinġieb bouncing castle fil-party tat-tfal tal-Milied. Il-Kunsill qabel.

## 7.5 Korrispondenza

7.5.1 Tressqet korrispondenza mingħand Veladrians dwar il-ħlas tat-tbattil tal-iskips tal-ground u tal-iskola fejn ġejna infurmati li l-prezz tat-tbattil se jkun qed jerġa' jiżdied. Il-Kunsill qabel li jkun tajjeb li dawn l-ispejjeż jiżdiedu ukoll mal-għajnuna lill-għaqdiet u l-iskola.

7.5.2 Tressqet korrispondenza minn Project Green dwar laqgħa sabiex jiġu ndirizzati l-kwistjonijiet pendenti fil-proġett taż-żona taż-Żebbuġ fi Triq l-Andar. Il-Kunsill qabel li tinstab data fejn issir laqgħa online mar-rappreżentanti minn Project Green.

7.5.3 Tressqet korrispondenza mill-kulleġġ St.Albert dwar laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din issir f'Jannar. Sadanittant l-aħjar li jintalbu d-dokumenti sabiex il-Kunsill ikun jista' jarhom.

7.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm proġett pendenti għal tħawwil ta' siġar minn Project Green. Dan il-proġett se jkun qed jiġi mgħoddi lis-Sindku u l-Vici Sindku sabiex tibda' l-ħidma biex jiġi mwettaq.

7.5.5 Tressqu korrispondenzi mingħand l-impjegati tal-Kunsill dwar trasferiment ta xi ġranet tal-leave li ma ġewx utilizzati din is-sena. Is-Sinjura D.Mallia ressqet talba għal 90 siegħa, is-Sur S.Spiteri ressaq talba għal 83.75 siegħa filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv F.Cutajar ressqet talba għal 86.5 siegħa biex jiġu utilizzati fl-ewwel xagħrejn tas-sena 2025. Il-Kunsill approva.

7.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar l-għeluq tal-uffiċċju fi żmien il-Milied fid-dati imsemmija:
- It-Tnejn 23 ta' Diċembru jiftaħ mis-7:30am san-12:30pm
- It-Tlieta 24 ta' Diċembru jiftaħ mis-7:30am sa nofsinhar

- Il-Ħamis 26 ta' Diċembru il-Kunsill jinżamm magħluq
- Is-Sibt 28 ta' Diċembru il-Kunsill jinżamm magħluq le
- It-Tlieta 31 ta' Diċembru jiftaħ mis-7:30am sa nofsinhar
- Il-Ħamis 2 ta' Jannar il-Kunsill jinżamm magħluq

Dwar dan il-membri kollha preżenti qablu.

7.5.7 Tressqet korrispondenza rigward il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet min hu interessat jissieħeb. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jissieħeb kulħadd. Kien hemm xi interess ukoll li xi kunsilliera jirreġistraw anki dipendenti. Il-ħlas tad-dipendenti se jkun qed isir b'mod individwali. Dwar dan il-Kunsill qabel.

7.5.8. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-flus li kienu nġabbru għal-Puttinu fl-attivita' tal-Ħeluween se jkunu qed jiġu mgħoddija f'Jannar għaldaqstant il-Kunsill għandu jsib data meta se jiġu mgħoddija. Rigward l-iStrina, il-Kunsill qabel li ssir ġabra waqt l-attivitajiet li se jsiru fi żmien il-Milied u jiġu mgħoddija direttament lill-iStrina.

## 7.6 Traffic Management fiż-żona tal-iskola

7.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet pjanta ppreżentata mill-Perit tal-Kunsill dwar traffic Management fiż-żona tal-iskola. Wara diskussjoni dwar il-proposta, il-Kunsill qabel magħha iżda hemm parti żgħira fi Triq il-Gudja ma Triq San Filippu l-ewwel biċċa li jrid isib soluzzjoni għaliha għaliex meta tkun magħluqa Triq il-Gudja fil-ħinijiet tal-iskola, se tinħoloq konfużjoni. Għaldaqstant filwaqt li l-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta, qabel ukoll li tiġi implimentata is-sena d-dieħla.

7.6.2 Il-Kunsillier Stephen Attard ppreżenta ukoll pjanta għal Traffic Management fiż-żona ta' Triq Tumbarellu, Triq il-Qattus u Triq il-Bwar. Dwar din il-Pjanta ukoll kien hemm diskussjoni iżda filwaqt li l-Kunsill qabel li jkompli jsaħħaha, għalissa għandna nibdew minn żona waħda u nħallu ftit żmien li tindara mis-sewwieqa.

## 7.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.7.1 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li kellha talba mingħand diversi residenti sabiex issir ħarġa f'Jannar fejn grupp ta' 40 persuna jmorru Villa Francia fl- 24 ta' Jannar bħala ħarġa kulturali organizzata mill-Kunsill Lokali. Din l-attivita' ġiet approvata.

7.7.2 Inġibdet l-attenzjoni ukoll sabiex ninfurmaw lil TM li saru l-bollards fi Triq il-Ħareb.

## 7.8 Mozzjonijiet

7.8.1 Annessi mal-Minuti

**7.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

7.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar It-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fil-5.00pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 7**

**Mozzjoni Ref:** 7-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 6

| | |
|---|---|
| **Naomi Mizzi**<br>**Proponent** | **Stephen Attard**<br>**Sekondant** |

**Data:** 11 ta' Diċembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 7**

**Mozzjoni Ref:** 7-02

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

---

**Data:** 11 ta' Diċembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 7**

**Mozzjoni Ref:** 7-03

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 07(09)

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Naomi Mizzi**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 11 ta' Diċembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**